# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Frar 2026

Merħba! Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **għat-tfal b'mard li m'hemmx fejqan għalih u għall-familji tagħhom biex jirċievu l-kura medika meħtieġa u s-sapport, bla ma jitilfu l-kuraġġ u t-tama.**

**Ninġabar:**

Insib post komdu, inħalli fil-ġenb il-ħsibijiet u l-inkwiet li jkolli biex nidħol fil-preżenza ta' Alla.

**Fatt ċkejken:**



F'belt żgħira kien hemm sptar li kien simbolu ta' tama u ta' saħħa. Ma kienx biss post ta' fejqan, iżda santwarju għal dawk il-familji li kellhom jaffrontaw toqol kbir – meta t-tfal tagħhom kienu jiġġieldu ma' mard li m'hemmx fejqan għalih. Il-qawwa u l-wens tal-imħabba, tal-kuraġġ u tal-komunità kont tmisshom b'idejk. Emily kienet waħda minn dawn it-tfal b'marda li ma titfejjaqx. Il-ġenituri tagħha, Sarah u Thomas, għażlu li ma jaħsbux fuq kemm żmien kien baqgħalha biex tgħix, iżda użaw l-enerġija kollha tagħhom biex iferrħuha.

Ta' kuljum, Emily kienet toqgħod bilqiegħda ħdejn it-tieqa u timmaġina lilha nfisha ttir bħall-għasafar. Sarah kienet taqralha xi storja, waqt li Thomas kien idoqqilha bil-kitarra l-għanja favorita tagħha biex inissel fiha sens ta' paċi.

Jum wieħed, Sarah iltaqgħet ma' omm oħra waqt li kienu jistennew biex jiltaqgħu mat-tabib – kienet Clara. Binha Daniel kien ftit snin akbar minn Emily u bħalha kellu marda li ma kienx hemm fejqan għaliha. F'kemm ili ngħidlek, it-toqol tal-esperjenza komuni għaqqdithom flimkien. Biż-żmien il-ħbiberija ta' bejniethom kibret sew u kienu jistrieħu fuq xulxin għall-wens. L-isptar sar id-dar tagħhom meta jkunu barra mid-dar. L-istaff kien jipprovdi mhux biss kura medika iżda anke sapport emozzjonali.

Sarah u Clara kienu jorganizzaw birthday parties għat-tfal. Kienu jżejnu s-swali bil-bżieżaq u jistiednu n-nies jiġu jirrakkontaw l-istejjer għat-tfal.

Meta Emily għaddiet għal ħajja oħra, kulħadd tnikket. Iżda barra s-swied il-qalb kien hemm ukoll spirtu ta' paċi u ta' tama. Emily għallmithom li anki fil-mumenti l-aktar mudlama, l-imħabba u t-tama jafu jkunu dawl fil-mixja tal-ħajja tagħna.

**Naħseb ftit:**

Dan il-wied tad-dmugħ, ta' inċertezzi, fejn spiss inħoss li ma nista' nagħmel xejn, ifakkarni kemm hi fraġli l-ħajja u kemm hu prezzjuż il-ħin li ngħaddi mal-maħbubin tiegħi.

**Nitlob:**

Mulej Ġesù, aħna nħallu f'idejk il-familji tagħna. Kun int il-kenn tagħna fl-inkwiet u l-faraġ tagħna fin-niket. Qawwilna qalbna bl-imħabba tiegħek biex inwasslu l-ferħ fejn hemm id-dwejjaq u t-tama fejn hemm id-disperazzjoni.

**Kliem ta' dawl:**

Meta il-'jien' jinbidel u jsir 'aħna', il-mard isir saħħa. *Malcolm X*

**X'nista' nagħmel:**

Nara jekk hemmx xi familja li għandha bżonn tas-sapport tiegħi. Infittex li nkun viċin tagħha u nagħmel mill-aħjar biex nisma' u nirrispetta dak li tkun għaddejja minnu. Jista' jkollhom bżonn għajnuna prattika bħal tlestilhom x'jieklu jew isserraħhom billi toħdilhom ħsieb tat-tfal.